# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## IMHALLEF

## ONOR. VINCENT DEGAETANO LL.D.

**Illum 18 ta' Lulju, 2002**

**Appell Nru 114/2002**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Josephine Lanzon**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Josephine Lanzon talli (**1**) fil-Marsa, nhar is-27 ta' Lulju, 2001 ghall-habta tal-11.20 pm f'post pubbliku jew f'post espost ghall-pubbliku, tlajjat jew ghamlet biex thajjar ghal skop ta' prostituzzjoni jew ghal skopijiet immorali, u dan bi ksur tal-Artikolu 7(2) tal-Kap. 63; (**2**) u aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi offendiet il-pudur jew il-morali b'eghmil li sar f'lok pubbliku, jew f'lok espost ghall-pubbliku, u dan bi ksur tal-Artikolu 209 tal-Kodici Kriminali; (**3**) u b'hekk irrendiet ruhha recidiva b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati datata 20 ta' Gunju, 2001 liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-30 ta' April, 2002 li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmija Josephine Lanzon mhux hatja skond l-ewwel imputazzjoni kif ukoll mhux hatja skond it-tielet imputazzjoni, izda sabitha hatja skond it-tieni imputazzjoni u kkundannatha tlett ijiem prigunerija u multa ta' ghaxar liri (Lm10);

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmija Josephine Lanzon, minnha ppresentat fl-10 ta' Mejju, 2002, li permezz tieghu talbet ir-riforma ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-lum; ikkunsidrat:

L-aggravju ta' l-appellanti hu limitat ghall-piena. Hija tammetti li fid-data u fil-hin indikati fl-imputazzjoni hija kienet qed taghmel l-att sesswali ma' ragel f'post pubbliku jew espost ghall-pubbliku. Hija tippretendi, pero`, li l-piena inflitta fuqha kienet eccessiva peress li hi ghandha biss ghoxrin sena u, fi

kliemha stess, ir-reat kontemplat fl-Artikolu 209 “m’huwiex xi reat li huwa ta’ dannu kbir lis-socjeta`”.

Din il-Qorti tqis dana l-appell bhala wiehed altamet fieragh. Ir-reat (li skond il-ligi taghna huwa delitt u mhux kontravvenzjoni) ta’ min joffendi l-pudur jew il-morali b’eghmil li jsir f’lok pubbliku jew lok espost ghall-pubbliku, huwa punit bi prigunerija ghal zmien mhux izjed minn tlett xhur u (mhux jew) multa. L-ewwel qorti infliggiet piena kwazi fil-minimu taghha. Din il-Qorti ma tara assolutament xejn eccessiv f’tali piena. L-appellanti ma tistax tippretendi li tikser il-ligi impunement billi taghmel atti fil-pubbliku li jistghu jaghtu skandlu. Inoltre din il-Qorti tirrileva li, kif jirrizulta mill-fedina penali ezibita fl-atti, il-Qrati ta’ Gustizzja Kriminali kienu diga precedentement sabuha hatja f’diversi okkazzjonijiet; in fatti hija kienet inghatat *conditional discharge* fuq falsifikazzjoni ta’ passaport, tmintax-il xahar prigunerija sospizi ghal erba’ snin fuq diversi serqiet, u zewg *conditional discharge* orha fuq tlajjar ghal skopijiet ta’ prostituzzjoni.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. U peress li l-appell hu wiehed fieragh, din il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 429(2) tal-Kodici Kriminali, tikkundanna lil Josephine Lanzon ammenda ta’ hamsa w ghoxrin lira (Lm25) konvertibbli f’hamest ijiem detenzjoni fin-nuqqas ta’ pagament skond il-ligi.

Il-Qorti tordna li kopja ta’ din is-sentenza tigi komunikata mir-Registratur lill-Ufficjal tal-*Probation* Miriam Zammit (ga nominata bis-sentenza tat-12 ta’ Novembru, 1998), sabiex din tibqa’ tissorvelja, tghin u tigwida lill-appellanti fil-problemi socjali li jista’ jkollha.

Deputat Registratur